**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 3 ta' Mejju, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**-vs-**

**Dominic Fenech, detentur tal-karta tal-identita' 463376M; u**

**Natasha Mallia, detentriċi tal-karta tal-identita' 372989M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 547/2020*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Dominic Fenech u Natasha Mallia** u ċioe` talli:

- F'dawn il-Gżejjer u/jew f'Ta'Qali, fix-xahar ta' Frar 2019 ikkommettew att ta' natura sesswali mingħajr kunsens ta' Omissis, liema reat sar fuq persuna vulnerabbli kif ukoll ġew mgħejuna minn persuna oħra biex isir id-delitt.

  **Dominic Fenech** waħdu ġie akkużat ukoll talli:

- Nhar it-12 t'Awwissu 2020 f'xi ħin bejn is-07:30hrs u 09:30hrs fi Triq San Lwiġi, Msida, volontarjament ikkaġuna ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' barax vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru tar-reġistrazzjoni JBU-551 għad-dannu ta' Omissis 1, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (250).

- U aktar talli nhar it-22 t'Awwissu 2019 f'xi ħin bejn it-08.15hrs u is-13.30hrs fi Triq J. Catania, Msida, volontarjament ikkaġuna ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' barax vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru tar-reġistrazzjoni JBU-551 għad-dannu ta' Omissis 1, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (250).

  Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-allegat vittmi u l-familjari tagħhom.

  Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

  Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

  Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2022, l-imputati ammettew l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputati wieġbu li huma ħatja ghall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w huma ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu setgħu jerġgħu lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati serji li jinsabu addebitati bihom l-imputati, tal-fedina penali tagħhom fejn dik ta' Fenech mhi xejn feliċi, tal-ammissjoni tagħhom li ma saritx f'xi stadju bikri kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom dak li rriżulta lil uffiċjali tal-probation. L-għemil tagħhom fuq persuna vulnerabbli hu wieħed li jqanqal għajb u stmerrija. Għemil li jaf iħalli persuna trawmatizzata w sfreġġjata għall-għomorha, tant li din, kif ukoll ommha wrew ix-xewqa mal-uffiċjali tal-probation li l-imputati jiġu kkundannati ghal 7 u 10 snin priġunerija rispettivament.[1]

Madanakollu l-Qorti tkun qed tonoqs serjament jekk meta tiġi biex teroga l-piena tinjora l-kundizzjoni psikoloġika w medika tal-imputati. Ġie determinat li Dominic Fenech ibgħati minn *low intellectual functioning* kif ukoll *low intolerance*. L-agenzija Appoġġ ukoll irriskontrat nuqqasijiet f'Fenech l-istess bħal ma għamel l-uffiċjal tal-probation innifsu tant li ġie rakkomandat li jsir assessment dwar il-*cognitive abilities* tiegħu.[2] Dwar Natasha Mallia ġie determinat li din qegħda taħt kura psikjatrika w tbgħati minn kundizzjonijiet psikoloġiċi w mediċi.

Fid-dawl ta' dan kollu, ġie kkunsidrat ukoll l-interess tal-vittmi, f'dan il-każ primarjament Omissis li kellha tiġi soġġetta għall-għemil pervers tal-imputati, kif ukoll ommha li sofriet ħsarat fuq il-vettura tagħha.

Dan ma jistax isir kemm il-darba il-Qorti tinflinġi piena karċerarja fuq l-imputati fejn dawn jiġu preklużi milli, mill-aktar fis bl-impjieg tagħhom, jagħmlu tajjeb għall-ħsara minnhom kawżata. Il-Qorti mbagħad qieset li f'każ li l-Qorti tiġi biex tittratta magħhom ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat kontemplat bl-artikolu 207 moqri flimkien ma l-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali, iġorr piena ta' massimu ta' 9 snin priġunerija.

Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, il-Qorti tqis li jeżistu ċirkostanzi li jimmeritaw li l-Qorti tapplika l-ewwel proviso għall-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 li a tenur tiegħu l-imputati jitqegħdu taħt ordni ta' probation.

---

[1] Fol.283 u 307
[2] Fol.315

Dan l-istess ordni u l-ksur potenzjali tiegħu għandhom iservu ta' deterrent qawwi filwaqt li l-interess tas-soċjetà jiġi servut aħjar jekk l-imputati jiġu mgħejuna jirrijabilitaw wriehom taħt il-lenti kostanti tal-awtoritajiet rilevanti.

Għalkemm tenut l-assjem ta' ċirkostanzi li saret riferenza għalihom aktar il-fuq, il-Qorti mhix ser tinfliġġi piena karċerarja madanakollu ser timponi l-massimu permissibbli fl-għoti ta' ordni ta' superviżjoni fil-massimu tiegħu flimkien ma ordni ta' servizz fil-komunità fil-massimu. Kemm il-darba l-imputati jew xi wieħed minnhom jikser l-ordni jew iwettaq reat ieħor hemm jistennih/ha piena ħarxa ta' priġunerija effettiva li tlaħħaq sa massimu ta' disa' snin priġunerija.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 207, 202(d)(k) u 208AĊ(2)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront ta' Dominic Fenech anke l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet addebitati lilhom, iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tpoġġi lill-imputati taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett (3) snin.**

Ai termini tal-artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation il-Qorti tordna li Dominic Fenech u Natasha Mallia jitqegħdu taħt ordni ta' servizz fil-komunità għal ammont ta' **erba' mija u tmenin (480) siegħa.**

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tordna lill-imputati jħallsu l-ammont ta' **€467.50** kull wieħed rappreżentanti nofs tal-ispejjeż peritali.

Kif ukoll ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, bħala kumpens għal offiża kawżata fuq Omissis, tordna lill-imputati jikkumpensawha fl-ammont ta' **tlett elef <u>(€3,000) kull wieħed</u>** liema ħlas għandu jsir ratejalment fi żmien sentejn millum.

Inoltre ai termini tal-istess artikolu,  Dominic Fenech waħdu qed jigi ordnat jikkumpensa lil Omissis 1 fl-ammont ta' **€613.60.**

Dawn l-ordnijiet għandhom jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur ta' Omissis u l-familja tagħha għal żmien tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, jekk ma josservawx l-ordni ta' servizz fil-komunità kif ukoll jekk ma jsegwux id-direttivi li se jingħatawlhom fil-perjodu ta' superviżjoni fuqhom impost.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Finalment tordna li isem il-vittmi ma jixxandarx fuq mezzi tax-xandir jew medja soċjali u dan sabiex tiġi evitata *secondary victimization* tal-istess vittmi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**